



Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0380(COD)

15193/1/23
REV 1 ADD 1

CODEC 2080
EF 345
ECOFIN 1148

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda ċerti Regolamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tirrikonoxxi l-potenzjal tal-ESAP li jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Madankollu, sabiex l-ESAP ikun suċċess, nemmnu li huwa importanti li jiġi żgurat approċċ ikkalibrat sew rigward l-istabbiliment tal-pjattaforma f'termini tal-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, iż-żmien u l-ispejjeż. F'dan ir-rigward, huwa importanti li fl-ESAP tiġi inkluża informazzjoni, li hija rilevanti għall-investituri u li l-pubblikazzjoni tagħha ma twassalx għal kostijiet li jegħlbu l-benefiċċji.

Fil-fehma tagħna, ċerti partijiet tal-proposta kienu jibbenefikaw minn valutazzjoni u titjib ulterjuri abbażi ta' diskussjoni bir-reqqa fuq bażi ta' att b'att sabiex jiġu evitati piż u kostijiet żejda kemm fuq l-entitajiet kif ukoll fuq il-korpi ta' ġbir.

Eżempju ta' tali partijiet huma l-emendi proposti fid-Direttiva Omnibus tal-ESAP fir-rigward tad-Direttiva dwar il-Kontabilità u l-MIFID. L-Emendi fid-Direttiva dwar il-Kontabilità jgħolqu obbligu sproporzjonat għall-kumpaniji mhux elenkati biex jipubblikaw rapporti finanzjarji fl-ESAP. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet iwasslu għal duplikazzjoni tal-informazzjoni sottomessa mill-istess entitajiet – pereżempju, il-kumpaniji elenkati jkollhom jissottomettu informazzjoni lill-ESAP abbażi kemm tad-Direttiva dwar it-Trasparenza kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Kontabbiltà, possibbilment lil żewġ korpi ta' ġbir differenti, u dan ma jirrispettax il-prinċipju ta' iffajljar ta' darba biss. Meta wieħed iqis il-MIFID, ir-rekwiżiti imposti fuq il-kumpaniji elenkati fis-swieq tat-Tkabbir tal-SMEs huma kontroproduttivi meta mqabbla mal-oġġettiv li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq kapitali tal-SMEs.

Aħna nappoġġaw l-oġġettivi tal-ESAP, madankollu fil-fehma tagħna ċerti aspetti tal-proposta kellhom jiġu indirizzati b'mod aktar adegwat.
